**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**(Sede Kostituzzjonali)**

**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Numru 104/2024/1DC**

***Daniel-Joe Meli (K.I. 267796M)***

***vs***

***L-Avukat ta' l-Istat u***
***L-Avukat Ġenerali***

Illum, 21 ta' Marzu 2024

## Il-Qorti

Rat ir-rikors ta'l-attur[1] preżentat fil-5 ta' Marzu 2024[2], permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi, talab:

> *Li tinħareġ, a tenur tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, miżura proviżorja bl-effett li:*
> 1. *Tordna li tinżamm kopja integra ta' kull data misjub u miżmum fuq l-apparat elettroniku tal-esponent li ġie kkonfiskat kawża tal-mandati ta' arrest lokali u barranin fil-konfront tiegħu, u li din il-kopja tingħata lill-esponent, qabel ma l-istess apparat bid-data kollu tagħhom jintbagħtu lejn l-Istati Uniti tal-Amerika.*
> 2. *Tagħti kull rimedju ieħor li talvolta jidhrilha li huwa xieraq u effettiv fiċ-ċirkostanzi.*

[1] Ai fini ta' dan il-provvediment imsejjaħ "ir-rikorrent".
[2] Ai fini ta' dan il-provvediment imsejjaħ "ir-rikors odjern".

Rat id-degriet tagħha mgħoti nhar il-5 ta' Marzu 2024[3] permezz ta' liema ordnat in-notifika tar-rikors odjern lill-konvenuti bi żmien għar-risposta, u appuntat ir-rikors għas-smigħ għal nhar l-14 ta' Marzu 2024.

Rat ir-risposta tal-konvenuti[4] preżentata fit-13 ta' Marzu 2024[5], permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi opponew it-talba ta'l-atturi.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi jibda biex jingħad li f'l-4 ta' Marzu 2024 ir-rikorrent preżenta rikors kostituzzjonali[6] permezz ta' liema, in suċċint, jispjega li in segwietu għal investigazzjoni kondotta mill-FBI in konnessjoni ma' servizzi illegali fil-kamp ta' l-informatika, inħareġ att ta'akkuża fil-konfront tiegħu mill-Grand Jury tal-Qorti Distrettwali tad-Distrett tat-Tramuntana ta' Gerogia f'l-Istati Uniti ta'l-Amerika; wara l-ħruġ ta' dan l-att ta' akkuża l-awtoritajiet kompetenti Amerikani talbu l-arrest u l-estradizzjoni tiegħu. Ir-rikorrent ġie arrestat f' Malta fis-7 ta' Frar 2024 u inġieb quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti. Dik il-Qorti fil-fatt orndat it-treġġiegħ lura tar-rikorrenti lejn l-Istati Uniti ta'l-Amerika fit-8 ta' Frar 2024. Ir-rikorrenti appella minn dak l-ordni minħabba li fil-fehma tiegħu l-ewwel Qorti Rimandanti kienet obbligata tistħarreġ il-qagħda mentali tiegħu qabel ma taċċetta l-kunsens tiegħu biex jiġi estradit. Permezz ta' sentenza datata s-27 ta' Frar 2024, il-Qorti ta'l-Appell Kriminali, mingħajr ma semgħet provi, ċaħdet l-appell. Ir-rikorrenti jikkontendi li dan il-mod kif ġew kondotti l-proċeduri ta' estradizzjoni *kienu s-suġġett ta' varji nuqqasijiet u żbalji li vvizzjaw il-proċedura u lledew d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq*. Huwa talab dikjarazzjoni f'dan is-sens u anke talab lil din il-Qorti tiddikjara nulli u bla effett is-sentenzi mgħotija fil-konfront tiegħu u talabha ukoll tagħti dawk l-ordnijiet opportuni *biex jitpoġġa f'istutus quo ante ta'l-imsemmija vjolazzjonijiet.*

Illi permezz tar-rikors odjern ir-rikorrent qed jitolob miżura provizorja fis-sens li, pendenti d-determinazzjoni tal-lanjanzi minnu mressqa quddiemha, din il-Qorti tordna li tinżamm kopja integra tad-data misjuba u miżmuma f'l-apparat elettroniku konfiskat mill-pussess tiegħu in eżekuzzjoni ta' żewġ mandati maħruġa fil-konfront tiegħu u li jingħata kopja ta' din id-data qabel ma l-apparat

[3] A fol 5.
[4] Ai fini ta' dan ir-rikors imsejħa "l-intimati".
[5] A fol 6.
[6] Ai fini ta' dan il-provediment imsejjaħ "ir-ikors promotur".

u d-data jintbagħat għand l-awtoritajiet kompetenti f'l-Istati Uniti ta'l-Amerika. Ir-rikorrent talab ukoll lill-Qorti *tagħti kull rimedju ieħor li talvolta jidhirlha xieraq u effettiv fiċ-ċirkostanzi*.

Illi l-intimati opponew it-talba tar-rikorrent. Wara li saħqu li biex jingħata rimedju provizzorju irid jiġi pruvat li hemm każ prima faċie ta' ksur ta' dritt fundamentali li huwa reali u urġenti, u li ser tiġi kkaġunata ħsara irrimedjabbli f'każ li ma tingħatax il-miżura proviżżorja rikjesta, jikkontendi li r-rikorrent ma ssodisfax dawn ir-rekwiżieti. L-intimati jikkontendu ukoll li effettivament dak li qed jitlob l-intimat huwa *disclosure,* id-dritt għal liema ma jsibx applikazzjoni f'proċeduri ta' estradizzjoni, fi kwaunkwe każ d-dritt għad-*disclosure* huwa għal kollox estranju għall-fatti li wasslu għall-allegat ksur tad-drittijiet tar-rikorrent u għar-rimedju li qed ifittex permezz tar-rikors promotur.

Illi  għandu jingħad ukoll li waqt li kienu qed isiru s-sottomissjonijiet f'isem ir-rikorrent ma sar l-ebda aċċenn għall-miżura speċifikatament mitluba fir-rikors odjern, minflok intalab rimedju proviżorju ieħor u ċioe l-ħelsien mill-arrest, dan bħala *rimedju ieħor talvolta xierqa fiċ-ċirkostanzi* mitluba b'mod ġenerali fir-rikors.

Illi l-konvenuti opponew din it-talba ukoll għaliex fil-fehma tagħhom m'hemmx bażi legali li ssostniha.

Ikkunsidrat

Illi huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza x'kriterji għandhom jiġu sodisfatti biex jiġi ġustifikat ordni proviżorju. A skans ta' ripetizzjoni l-Qorti ser tagħmel referenza ampja għal dak li ntqal fis-sentenza mgħotija fis-26 ta' Novembru 2020 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawża *Yorgen Fenech vs l-Avukat ta'l-Istat*[7] meta l-Qorti għaddiet in rassenja l-ġurisprudenza l-aktar prevalenti in tema:

> *Dan kollu premess, il-Qorti ikkunsidrat illi Karen Reid, fil-ktieb "A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights" (pagna 20) issostni:*
>
> *"As a general practice, measures (riferibbilment ghal interim relief) are applied only where there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm to life and limb ... While the procedure has been invoked in respect of other types of cases e.g. adoption of children, which may be arguably be of an irreparable nature, r.39*

[7] Rikors numru 270/2020.

*(riferribbilment ghar-Rule 39 tar-Rules of Court tal-ECHR) has not been applied save in a few exceptional cases."*

*Ikkunsidrat illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-"Factsheet" mahruga minnha dwar "Interim Measures" tqis dan ix-xorta ta' rimedju bhala eccezzjonali* u tiddeskrivi hekk:

*"Interim measures are urgent measures which, according to the Court's well-established practice, apply only where there is an imminent risk of irreparable harm. Such measures are decided in connection with proceedings before the Court without prejudging any subsequent decisions on the admissibility or merits of the case in question. In the majority of cases, the applicant requests the suspension of an expulsion or an extradition. The Court grants such requests for an interim measure only on an exceptional basis, when the applicant would otherwise face a real risk of serious and irreversible harm ... In practice, interim measures are applied only in a limited number of areas and most concern expulsion and extradition. They usually consist in a suspension of the applicant's expulsion or extradition for as long as the 3 application is being examined. The most typical cases are those where, if the expulsion or extradition takes place, the applicants would fear for their lives (thus engaging Article 2 of the Convention) or would face illtreatment prohibited by Article 3 (prohibition of torture or inhuman or degrading treatment). More exceptionally, such measures may be indicated in response to certain requests Page 4 of 8 concerning the right to a fair hearing (Article 6 § 1) and the right to respect for private and family life (Article 8)."*

*Kif osservat il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża Rosette Thake et vs Prim Ministru et (Atti tar-rikors 50/16/1 JRM):*

*"biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieg li min jitolbu juri li hemm kaz prima faċie ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja serja ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu. "Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment provviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ" ara Daniel Alexnader Holmes vs Avukat Generali et – digriet P.A. kostit. AE 16.04.2014*

*Illi fil-kawża Emmanuel Camilleri v Spettur Louise Calleja et (PA (Kost), din il-Qorti kif diversament presjeduta enunċjat il-prinċipji*

*legali u dottrinali li ggwidaw il-Qrati tagħna fil-materja ta' interim relief:-*

*"Illi s-setgħat mogħtijin mil-liġi lil din il-Qorti f'kawżi ta' għamla Kostituzzjonali mhumiex imfissrin b'mod eżawrjenti f'xi dispożizzjoni partikolari, u r-rimedji li hija tista' tintalab tagħti huma mħollijin fid-diskrezzjoni tagħha fl-aħjar interess tal-ġustizzja u biex tagħmel ħaqq fejn meħtieġ;*

*Illi hija għandha s-setgħa tirregola l-proċedura tagħha u li tagħti dawk il-provvedimenti, kemm definittivi u kif ukoll interlokutorji, li tinqala' l-ħtieġa tagħhom waqt kull smigħ, sabiex jiggarantixxu li t-trattazzjoni tal-kwestjoni li tkun tressqet quddiemha bl-ebda mod ma tkun suġġetta għal pressjonijiet indebiti jew ħsara irriversibbli għal xi waħda mill-partijiet;*

*Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita' u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment. F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ 'prima facie' ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu. Għalhekk, m'huwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment provviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ;*

*Illi fuq kollox, l-għoti tar-rimedju interlokutorju jew provviżorju ma għandu qatt jintalab jew jingħata b'mod li jippreġudika l-mixi nnifsu tal-proċedura li fiha jintalab u bl-ebda mod ma għandu jintuża biex jorbot idejn il-Qorti li tagħtih dwar il-mod kif fl-aħħar mill-aħħar tagħti s-sentenza tagħha jew kif tikkunsidra bis-serenita' jew l-indipendenza meħtieġa l-provi u l-argumenti li l-partijiet iressqu quddiemha. Illi għalkemm huwa minnu, kif jallegaw l-intimati, li l-għoti tal-provvediment provviżorju quddiem il-Qorti ta' Strasburgu taħt ir-regolament 39 tar-Regoli tal-Proċedura ta' dik il-Qorti jkun bosta drabi marbut ma' ksur ta' jedd taħt l-artikolu 2 jew l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni, ma hemm l-ebda dispożizzjoni li tillimita l-għoti ta' provvediment bħal dak biss għall-imsemmija żewġ artikoli. Kemm hu hekk, kien hemm każijiet fejn l-għoti ta' provvediment ingħata wkoll*

*waqt proċeduri li kienu jirrigwardaw ukoll ilment ta' ksur tal-artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni."*

*Kif ritenut in materja mill-awturi van Dijk, van Hoof, van Rijn u Zwaak:*

*"... it is only in cases of extreme urgency that interim measures are indicated: the facts must prima facie point to a violation of the Convention, and the omission to take the proposed measures must result or threaten to result in irreparable injury to certain vital interests of the parties or the progress of the examination. ... such would be the case, for instance, if an expulsion threatens to constitute a violation of article 3 of the Convention, in view of a serious risk that the person concerned will be exposed to torture or inhuman treatment or punishment. In that case a stay of expulsion may be requested until the Court has had the opportunity to investigate the case. However, it will do so only if there is a high degree of probability that a violation of article 3 is likely to occur. This requires that the applicant states his case in a convincing manner and possibly also presents some evidence showing the danger to life or limb to which he may be subjected if expelled or extradited to a particular country. It is not sufficient for the applicant to provide information about the danger or uncertain situation in the country of destination and/or his being an opponent of the ruling Government."*

*Illi il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet hekk fil-kaz Angelo Frank Paul Spiteri v L-Avukat Generali (9 ta' Jannar 2017):*

*"Fl-ewwel lok jiġi ribadit minn din il-Qorti li f'materja tal-hekk imsejjħa interim measures huwa car l-insenjament ta' din il-Qorti li tali miżuri għandhom jittieħdu biss f'każijiet ta' urġenza u saħansitra f'każijiet ta' "urġenza estrema" fejn in-nuqqas ta' teħid ta' tali miżuri jirriżulta, jew jażżarda li jirriżulta, fi ħsara irreparabbli għall-interessi vitali tal-parti konċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jeħtiġilha tagħmel. Din il-Qorti rriteniet ukoll li miżuri ad interim huma indikati f'każijiet eċċezzjonali. [Q. Kost. 7 2 Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (Raba` Edizzjoni – 2006) Page 7 of 8 Federation of Estate Agents v. Direttur Generali [Kompetizzjoni, deciza 25 ta' Settembru, 2014)."*

Illi mill-ġurisprudenza hawn miġbura jirriżulta indubbjament li biex tingħata miżura proviżorja irid jintwera li hemm każ *prima facie* ta' ksur ta' drittijiet

fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura proviżorja sejjer iwassal għal riskju imminenti ta' ħsara irreparabbli.

Illi dawn l-istess prinċipju ġew applikati minn din il-Qorti kif diversament presjeduta f'mgħoti f'kawża, ***Ledjon Brakaj vs Avukat al-Istat et***[8], fejn ir-rikorrenti ukoll talbu l-ħelsien mill-arrest fil-forma ta' miżura proviżorja, dan pendenti l-eżitu ta' proċeduri kostituzzjonali fejn dawk ir-rikorrenti allegaw ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq fil-proċeduri ta' estradizzjoni. Fil-kunsiderazzjonijiet tagħha l-Qorti, fil-waqt li rribadiet il-prinċipji generali naxxenti mill-ġurisprudenza u mid-duttrina li l-għoti ta' miżura proviżorja jiddependi fuq il-prova ta' jedd prima facie u perikolu ta' ħsara irreparabbli jekk il-miżura ma tingħatax, emfasiżżat il-ħtieġa li jkun hemm ness bejn ir-rimedju proviżorju li qed jintalab u l-lanjanza mertu tal-proċeduri prinċipali u r-rimedju aħħari li qed jintalab f'dawk il-proċeduri. Dik il-Qorti qalet hekk:

> *4. Issa din il-Qorti eżaminat u fliet sewwa t-talbiet f'dan ir-rikors u jidhrilha, li dak li qiegħed jintalab ma hux relatat mat-talbiet sostanzjali tiegħu fl-ilment Kostituzzjonali tiegħu.* ***Meta tintalab ordni bħal dik li għandha quddiemha din il-Qorti, din trid tkun ikkunsidrata fid-dawl tal-azzjoni primarja ... .... Dan għaliex ordni ad interim huwa maħsub li jintalab biex jiġu mħarsa d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent f'dawk il-proċeduri. Ordni ad interim ma hiex azzjoni awtonoma u indipendenti mill-azzjoni prinċipali iżda hija kollaterali u anċillari għal dik l-azzjoni.***[9]
>
> *5. ... ... ir-rikorrent ma hux jilmenta minn arrest arbitrarju iżda minn trattament inuman u nuqqas ta' smiegħ xieraq (artikolu 36 u 39 u artikolu 6 u 3 tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament. Għalhekk anke f'dan ir-rigward biss dawn it-talbiet tar-rikorrent ma jistgħux jintlaqgħu.*
>
> *6. Imma anke li kieku, ġie kemm il-darba ritenut, kemm minn dawn il-Qrati u anke dik Ewropeja, li rimedju bħal dan huwa aċċettabbli meta jiġi ppruvat, li jekk din il-Qorti ma tilqax talba għall-ħruġ ta' ordni interim, ikun hemm perikolu għall-ħajja tal-persuna jew li tista' ssoffri ħsara irreparabbli. (ara fost oħrajn Sentenza fl-ismijiet Mamatkulov et -vs-Turkija [GC], nos. 46827/99 and 46951/99, § 104, tal- 4 ta' Frar 2005 u kif ukoll Paladi -vs- Moldova [GC], no. 39806/05, §§ 86-90, tal-10 ta' Marzu 2009). Għalhekk, il-Qorti ma tistax tifhem kif qatt ir-rikorrent jista' jgħid li għandu prima facie dritt li jitlob il-ħelsien mill-*

[8] Deċiża fis-16 ta' Mejju 2023; sentenza mhiex appellata.
[9] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

*arrest minħabba l-fatt biss li qed jinżamm il-faċilita korrettiva ta' Kordin. Minn imkien ma jirrisulta li qiegħed jilmenta minn dan il-fatt.*

*7. … …*

*8. Fl-aħħar nett, dato ma non concesso li anke l-aspett proċedurali ġie megħlub, il-Qorti trid ukoll tara s-serjeta' tal-addebiti li qed ikunu jiġu magħmula kontra r-rikorrent, anke jekk minn Awtoritjiet esteri. Il-Qorti trid tiżen u tikkonsidra sewwa ukoll il-bilanċ li jesisti bejn l-interess tal-individwu u tas-Soċjeta' f'dak li għandu x'jaqsam mal-amministrazzjoni retta tal-ġustizzja. … …*

*9. Fl-aħħar nett, fuq kunsiderazzjoni legali oħra, din il-Qorti temmen, li talba għall-ordni proviżorja bħal dik li qed tintalab ma hiex maħsub biex iġġiegħel lill-Awtorita' tagħmel xi ħaġa (di fare), f'dan il-każ ir-rilaxx tar-rikorrent. Talbiet bħal dawn huma maħsuba biex l-Awtorita' ma tagħmilx xi ħaġa (di non fare) bħal per eżempju, iżżomm estradizzjoni meta jkunu jikkonkorru ċirkostanzi skont il-liġi.*

Illi dwar il-ħtieġa li r-rimedju proviżorju mitlub ikun intiż li jindirizza l-perikolu li **jkomplu** jiġu preġudikati dawk id-drittijiet li tagħhom jkun qed jiġi alleġat ksur qed issir referenza ukoll għas-sentenza mgħotija fil-kawża f'l-ismijiet ***Gordon Debono et vs Kummissarju tal-Pulizija et*** mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fit-22 ta' Diċembru 2022[10]:

*Illi huwa prinċipju assodat f'ġurisprudenza kemm tal-Qrati nostrana u kif ukoll anke tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem illi miżuri proviżorji ma jiġux akkordati għalxejn jew b'kapriċċ, iżda jingħataw f'każijiet fejn ikun hemm periklu illi bil-prosegwiment naturali tal-proċeduri, **ser <u>ikomplu</u> jiġu ppreġudikati d-drittijiet fundamentali tal-persuna illi tkun qed tallega leżjoni tal-istess**. Ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet Mamatkulov and Askarov v. Turkey illi:*

*"104. Interim measures have been indicated only in limited spheres. Although it does receive a number of requests for interim measures, in practice the Court applies Rule 39 only if there is an imminent risk of irreparable damage. While there is no specific provision in the Convention concerning the domains in which Rule 39 will apply, requests for its application usually concern the right to life (Article 2), the right not to be subjected to torture or inhuman treatment (Article 3) and, exceptionally, the right to respect for private and family life*

[10] Din is-sentenza ma ġietx appellata.

*(Article 8) or other rights guaranteed by the Convention. The vast majority of cases in which interim measures have been indicated concern deportation and extradition proceedings.*
*[...]*

*108. In cases such as the present one where there is plausibly asserted to be a risk of irreparable damage to the enjoyment by the applicant of one of the core rights under the Convention, the object of an interim measure is to maintain the status quo pending the Court's determination of the justification for the measure.* ***As such, being intended to ensure the continued existence of the matter that is the subject of the application, -.*** *As far as the applicant is concerned,* ***the result that he or she wishes to achieve through the application is the preservation of the asserted Convention right before irreparable damage is done to it****. Consequently, the interim measure is sought by the applicant, and granted by the Court, in order to facilitate the "effective exercise" of the right of individual petition under Article 34 of the Convention in the sense of* ***preserving the subject matter of the application*** *when that is judged to be at risk of irreparable damage through the acts or omissions of the respondent State".*[11]

Illi stabbilit dan it-tagħlim ġurisprudenzjali u b'applikazzjoni tiegħu għall-każ in eżami huwa ċar li t-talba tar-rikorrent ma tistax tintlaqa'.

Illi peremzz tar-rikors promotur ir-rikorrent qed jallega ksur tad-dritt, kostituzzjonali u konvenzjonali, għal smigħ xierqa. Dejjem skond ir-rikors promotur huwa qed jallega li dan il-ksur seħħ bħala riżultat ta' kif ġew kondotti l-proċeduri ta'l-estradizzjoni, b'mod partikolari minħabba li fil-fehma tiegħu l-Qorti Rimandanti kellha tindaga oltre fir-rigward tal-volontarjeta tal-kunsens mgħoti minnu għall-estradizzjoni, u minħabba ukoll il-mod kif ġie kondotta l-appell minnu interpost. Ir-rimedju li qed ifittex permezz tal-proċeduri kostituzzjonali huwa li jitħassru l-ordni tal-Qorti tal-Maġistrati u s-sentenza tal-Qorti ta'l-Appell u li *jitpoġġa f'istutus quo ante ta'l-imsemmija vjolazzjonijiet.* Effettivament dak li qed ifittex ir-rikorrent huwa li l-proċeduri jitreġġgħu lura f'l-istadju qabel ma ntalab jiddikjara jekk hux qed jakkonsentixxi għall-estradizzjoni.

Illi skond it-tagħlim ġurisprudenzjali li saret referenza għalih, it-talba għar-rimedju proviżorju *mhiex azzjoni awtonoma u indipendenti mill-azzjoni prinċipali iżda hija kollaterali u anċillari għal dik l-azzjoni*. Aktar minn hekk it-talba għandha tkun maħsuba biex jiġu mħarsa dwak id-drittijiet fundamentali li

[11] Is-sottolinear huwa kollu ta' din il-Qorti.

r-rikorrent, fir-rikors promotur, qed jallega li ġew leżi. Pero fil-waqt li fir-rikors promotur ir-rikorrent qed jallega ksur tad-dritt għal smigħ xieraq u r-rimedju li qed jitlob huwa it-tħassir ta' l-ordni u s-sentenza mgħotija u li jitpogga f'l-i*status quo ante*, il-miżuri proviżorji li qed jitlob huma li tinzamm id-data kollha li tinstab f'l-apparat elettroniku li ttieħed fil-mument ta'l-arrest tiegħu u li jingħata kopja ta' dik id-data, u qed jitlob ukoll il-helsien mill-arrest.

Illi frankament il-Qorti ma tara l-ebda ness bejn id-dritt li tiegħu qed jallega l-ksur u r-rimedju mitlub fir-rikors promotorju min-naħa u r-rimedji provizorji mitluba fir-rikors odjern min-naħa l-oħra. Aktar minn hekk lanqas ma jista' jingħad li mingħajr dawn ir-rimedji proviżorji ser jkompli jiġi ippreġudikat id-dritt għas-smigħ xieraq allegatament miksur. Fit-terminologija tal-Qorti Ewropea (fuq ċitata) ma jirriżulatx, fil-każ in eżami, li l-miżuri proviżorji mitluba huma neċessarji għall-*preservation of the asserted Convention right before irreperable damage is done to it*.

Illi mis-suespost huwa evidenti li ma jirriżultaw l-ebda waħda mir-rekwiżieti neċessarja biex jiġġustifikaw l-għoti ta' l-ordnijiet proviżorji mitluba.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiċħad it-talbiet ta'l-attur dedotti fir-rikors tal-05 ta' Marzu 2024 għall-għoti ta' miżuri proviżorji. Spejjez relatat ma' dan ir-rikors ikunu a karigu tar-rikorrent.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**REĠISTRATUR**